# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

8 ta' Diċembru 2011 *

Fil-Kawża C-157/10,

li għandha bħala suġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja), permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Jannar 2010, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-2 ta' April 2010, fil-proċedura

**Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, SA**

vs

**Administración General del Estado,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, President ta' Awla, M. Safjan, M. Ilešič, E. Levits (Relatur) u J.-J. Kasel, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,
Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Gvern Spanjol, minn M. Muñoz Pérez, bħala aġent,

— għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek u V. Štencel, bħala aġenti,

— għall-Gvern Daniż, minn C. Vang, bħala aġent,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u C. Blaschke, bħala aġenti,

— għall-Gvern Estonjan, minn M. Linntam, bħala aġent,

— għall-Gvern Franċiż, minn G. de Bergues u J. Gstalter, bħala aġenti,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn P. Gentili, avvocato dello Stato,

— għall-Gvern Olandiż, minn C. Wissels u J. Langer, bħala aġenti,

— għall-Gvern Pollakk, minn M. Szpunar, bħala aġent,

— għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes, bħala aġent,

— għall-Gvern Svediż, minn A. Falk u S. Johannesson, bħala aġenti,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn H. Walker, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn R. Lyal u C. Urraca Caviedes, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 63 TFUE u 65 TFUE.

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, SA (iktar 'il quddiem "BBVA") u l-Administración General del Estado fir-rigward ta' rifjut ta' din tal-aħħar li tawtorizza BBVA inaqqas mill-ammont tat-taxxa fuq il-kumpanniji dovuta għas-sena ta' taxxa tal-1991 għad-dħul globali tagħha, l-ammont tat-taxxa dovuta fil-Belġju fuq l-interessi miksuba f'dan l-Istat Membru iżda mhux imħallsa minħabba eżenzjoni.

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt Komunitarju*

3 L-Artikolu 67 tat-Trattat KEE (li sar l-Artikolu 67 tat-Trattat KE, li min-naħa tiegħu tħassar bit-Trattat ta' Amsterdam), fis-seħħ fid-data tal-fatti fil-kawża prinċipali, huwa redatt kif ġej:

"1. L-Istati Membri jabbolixxu progressivament bejniethom, matul il-perijodu ta' transazzjoni u sakemm ikun neċessarju għal funzjoni tajba tas-suq komuni,

ir-restrizzjonijiet għal movimenti tal-kapital li jappartjenu lil persuni residenti fi Stati Membri, kif ukoll id-diskriminazzjonijiet ta' trattament ibbażati fuq in-nazzjonalità jew ir-residenza tal-partijiet, jew fuq il-lokalizzazzjoni ta' l-investiment.

[...]"

4 L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 88/361/KEE, tal-24 ta' Ġunju 1988, għall-implementazzjoni tal-Artikolu 67 tat-Trattat (artiklu mħassar bit-Trattat ta' Amsterdam) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 1, p. 10), jipprovdi:

"Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet segwenti, l-Istati Membri għandhom jabolixxu restrizzjonijiet fuq il-movimenti ta' kapital li jseħħu bejn persuni residenti fi Stati Membri. Biex jiffaċilitaw l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, movimenti ta' kapital għandhom jkunu kklassifikati skond in-Nomenklatura fl-Anness I."

5 L-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 88/361 jawtorizza, b'mod partikolari, lir-Renju ta' Spanja jkompli japplika b'mod temporanju restrizzjonijiet għall-movimenti ta' kapital elenkati fl-Anness IV, suġġetti għall-kundizzjonijiet u t-termini previsti fl-imsemmi anness.

*Id-dritt nazzjonali Spanjol*

6 L-Artikolu 57(1) tal-Liġi Fiskali Ġenerali 230/1963 (Ley General Tributaria 230/1963), tat-28 ta' Diċembru 1963 (BOE Nru 313, tal-31 ta' Diċembru 1963, p. 18248), kien jipprovdi:

"Meta jkun hemm lok li jitnaqqas mill-ammont tat-taxxa l-ammonti dovuti jew imħallsa għal taxxa jew numru ta' taxxi oħra imposti minn qabel fit-totalità tagħhom, anki jekk kienu s-suġġett ta' eżenzjoni jew ta' tnaqqis tal-oneru fiskali."

7 Il-Liġi 61/1978 dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji (Ley 61/1978 del Impuesto sobre Sociedades), tas-27 ta' Diċembru 1978 (BOE Nru 312, tat-30 ta' Diċembru 1978, p. 29429), kien jipprovdi fl-Artikolu 24(4) tiegħu:

"Fil-każ ta' ssuġġettar personali għat-taxxa, meta d-dħul tal-persuna taxxabbli jinkludi dħul miksub u intaxxat barra mill-pajjiż, hemm lok li jitnaqqas l-inqas ammont miż-żewġ ammonti li ġejjin:

a) l-ammont realment imħallas barra mill-pajjiż minħabba kontribuzzjoni ta' natura identika jew analoga għal din it-taxxa.

b) l-ammont tat-taxxa li jmissha tħallset fi Spanja fuq dawn il-benefiċċji jekk ikunu nkisbu fit-territorju Spanjol."

*Ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja*

8 Il-Ftehim bejn ir-Renju ta' Spanja u r-Renju tal-Belġju dwar ħelsien minn taxxa doppja u sabiex jirregola ċerti kwistjonijiet fil-qasam ta' taxxi fuq id-dħul u fuq il-kapital, iffirmata fi Brussell fl-24 ta' Settembru 1970, irratifikat mir-Renju ta' Spanja fit-28 ta' Mejju 1971 (BOE Nru 258, tas-27 ta' Ottubru 1972, p. 19176, iktar 'il quddiem

il-"ftehim dwar ħelsien minn taxa doppja") applikabbli fid-data tal-fatti fil-kawża prinċipali, jipprovdi fl-Artikolu 11 tiegħu:

"1. L-interessi li ġejjin minn Stat kontraenti u attribwiti lil resident tal-Istat kontraenti l-ieħor huma taxxabbli f'dan l-Istat l-ieħor.

2. Madankollu, dawn l-interessi jistgħu jiġu intaxxati fl-Istat kontraenti minn fejn jiġu u skont il-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat, iżda t-taxxa stabbilita b'dan il-mod ma tistax tabeż il-15 % tal-ammont tagħhom.

[...]"

9 Skont l-Artikolu 23 ta' dan il-ftehim:

"1. Meta resident ta' Stat kontraenti jirċievi dħul mhux imsemmi fis-subartikoli 3 u 4 iktar 'il quddiem li huma taxxabbli fl-Istat kontraenti l-ieħor skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim, l-ewwel Stat għandu jeżenta dan id-dħul mit-taxxa [...].

[…]

3. [...] [M]eta resident ta' Stat kontraenti jirċievi dħul taxxabbli fl-Istat kontraenti skont l-Artikolu 10(2), l-Artikolu 11(2) u (7), jew l-Artikolu 12(2) u (6), l-ewwel Stat għandu jagħti tnaqqis fuq it-taxxa dovuta fuq dan id-dħul mill-imsemmi resident ikkalkolat fuq l-ammont tad-dħul imsemmi iktar 'il fuq li huwa inkluż fil-bażi taxxabbli ta' dan ir-resident u li r-rata tiegħu ma jistax ikun inqas minn dik tat-taxxa miġbura fl-Istat kontraenti l-ieħor fuq l-imsemmi dħul […]".

**Il-fatti li wasslu għall-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

10 BBVA hija l-kumpannija dominanti tal-Grupo Consolidado (grupp ikkonsolidat) 2/82. Fis-sistema legali Spanjola, grupp ikkonsolidat hija unità komposta għal finijiet fiskali minn għadd ta' kumpanniji, fejn waħda tiddomina lill-oħrajn.

11 Permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Ottubru 1997, mogħtija wara azzjonijiet ta' verifika u ta' spezzjonijiet fir-rigward tat-taxxa fuq il-kumpanniji relatata mas-sena ta' taxxa tal-1991, u fid-dawl tal-fatt li, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 24(4) tal-Liġi 61/1978, huwa biss l-ammont tat-taxxa "effettivament" imħallsa li jista' jitnaqqas, l-Oficina Nacional de Inspección żiedet il-bażi ta' taxxa ddikjarata ta' BBVA b'ESP 6 750 405 (EUR 40 570,75). Dan l-ammont kien jikkorrispondi għal dak li BBVA kienet naqset mit-taxxa fuq il-kumpanniji bħala taxxa dovuta fil-Belġju fuq l-interessi miġbura f'dan l-Istat Membru, filwaqt li din l-aħħar taxxa ma kinitx tħallset peress li kienet ġiet suġġetta għal eżenzjoni.

12 Id-deċiżjoni tal-Oficina Nacional de Inspección ġiet ikkonfermata fil-11 ta' Mejju 2001 permezz ta' deċiżjoni tat-Tribunal Económico-Administrativo Central (korp amministrattiv ta' kontroll). Peress li r-rikors ta' BBVA ppreżentat kontra din id-deċiżjoni quddiem l-awla tal-kontenzjuż amministrattiv tal-Audiencia Nacional ġiet miċħuda permezz ta' sentenza tas-26 ta' Ġunju 2003, BBVA appellat fil-kassazzjoni quddiem it-Tribunal Supremo.

13 Fl-appell tagħha, BBVA ddefendiet id-dritt li tnaqqas mill-ammont tat-taxxa fuq il-kumpanniji, fi Spanja, imposta fuq id-dħul globali tagħhom l-ammont ta' taxxa dovuta fil-Belġju fuq interessi miksuba f'dan l-Istat Membru u li hija ma kinitx ħallset minħabba eżenzjoni.

14 It-Tribunal Supremo josserva li d-dritt nazzjonali Spanjol, hekk kif ġie interpretat fl-aħħar sentenzi tiegħu, jipprekludi lil BBVA milli jnaqqas mill-ammont tat-taxxa fuq il-kumpanniji dovuta fi Spanja l-ammont tat-taxxa dovuta fil-Belġju, meta din tal-aħħar ma tkunx tħallset minħabba eżenzjoni. L-istess konklużjoni tirriżulta mill-Artikolu 23(3) tal-ftehin dwar ħelsien minn taxxa doppja.

15 L-imsemmija qorti tistaqsi dwar il-kompatibbiltà ta' tali sistema mal-prinċipju ta' moviment liberu tal-kapital, sa fejn il-kumpanniji stabbiliti fi Spanja, li jwettqu investimenti fil-Belġju u li jibbenefikaw minn dan, jitilfu b'hekk il-vantaġġ fiskali mogħti mill-awtoritajiet fiskali Belġjani, peress li huma jispiċċaw iħallsu fl-Istat Membru tal-uffiċċju rreġistrat tagħhom l-ammont tat-taxxa fuq il-benefiċċji li fuqhom kienu taxxabbli iżda li fir-rigward tagħhom huma bbenefikaw minn eżenzjoni fil-pajjiż tal-investiment.

16 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunal Supremo ddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-Artikoli 63 [TFUE] u 65 [TFUE] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali (deċiża unilateralment jew abbażi ta' ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja) li, fil-kuntest tat-taxxa fuq il-kumpanniji u fost id-dispożizzjonijiet intiżi li jevitaw din it-taxxa doppja, tipprojbixxi t-tnaqqis tal-ammont ta' taxxa dovuta fi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea għal dħul magħmul fit-territorju tagħhom u suġġett għal din it-taxxa meta, minkejja li huma dovuti, dawn l-ammonti ma jitħallsux minħabba eżenzjoni, kreditu [tnaqqis tal-oneru fiskali] jew kull vantaġġ fiskali ieħor?"

## Fuq id-domanda preliminari

*Fuq l-ammissibbiltà*

17 Il-Gvern Portugiż iqis li t-talba għal deċiżjoni preliminari għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli, peress li l-interpretazzjoni tal-Artikoli 63 TFUE u 65 TFUE mitluba mill-qorti ta' rinviju hija nieqsa minn rilevanza, fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regola ta' dritt *ratione temporis*, għas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali, li tikkonċerna s-sena ta' taxxa 1991. Fil-fatt, l-Artikoli 73 B u 73 D tat-Trattat KE (li saru, rispettivament, l-Artikoli 56 KE u 58 KE) li għalihom jikkorrispondu l-Artikoli 63 TFUE u 65 TFUE ġew inklużi fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea biss permezz tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ffirmat f'Maastricht fis-7 ta' Frar 1992.

18 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li hija ġurisprudenza stabbilita, li fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, istitwita mill-Artikolu 267 TFUE, hija kompetenza ta' din ta' l-aħħar li tagħti lil qorti nazzjonali risposta utli li tippermettilha tiddeċiedi l-kawża li jkollha quddiemha, kif ukoll li minn din il-perspettiva, huwa obbligu, jekk ikun il-każ, tal-Qorti tal-Ġustizzja li tifformula mill-ġdid id-domanda li ġiet sottomessa lilha (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-4 ta' Mejju 2006, Haug, C-286/05, Ġabra p. I-4121, punt 17, u tal-11 ta' Marzu 2008, Jager, C-420/06, Ġabra p. I-1315, punt 46).

19 Bl-istess mod, skont ġurisprudenza wkoll stabbilita, sabiex tingħata risposta utli lill-qorti li minnha toriġina domanda preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja jista' jkollha bżonn tieħu inkunsiderazzjoni regoli ta' dritt tal-Unjoni li għalihom ma jkunx sar riferiment mill-qorti nazzjonali fid-domandi preliminari tagħha (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-12 ta' Ottubru 2004, Wolff & Müller, C-60/03, Ġabra p. I-9553, punt 24; tas-7 ta' Lulju 2005, Weide, C-153/03, Ġabra p. I-6017, punt 25, u tat-23 ta' Frar 2006, van Hilten-van der Heijden, C-513/03, Ġabra p. I-1957, punt 26).

20 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-kompitu li tinterpreta d-dispożizzjonijiet kollha tad-dritt tal-Unjoni li l-qrati nazzjonali għandhom bżonn sabiex jiddeċiedu dwar il-kawża li jkollhom quddiemhom, anki jekk dawn id-dispożizzjonijiet ma humiex espressament imsemmija fid-domandi li jsirulha minn dawn il-qrati (ara s-sentenzi tad-19 ta' Novembru 2002, Strawson u Gagg & Sons, C-304/00, Ġabra p. I-10737, punt 58, kif ukoll Jager, iċċitata iktar 'il fuq, punt 47).

21 Peress li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-kompetenza sabiex tirrispondi d-domanda preliminari billi tieħu inkunsiderazzjoni dispożizzjonijiet tad-dritt applikabbli għall-fatti li wasslu għall-kawża prinċipali, għandha tiġi miċħuda l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Gvern Portugiż.

*Fuq il-mertu*

Osservazzjonijiet preliminari

22 Il-kawża prinċipali tikkonċerna s-sena ta' taxxa 1991, jiġifieri sitwazzjoni fattwali u ġuridika li tippreċedi d-dħul fis-seħħ tat-TFUE. Ir-regoli fil-qasam tal-moviment liberu tal-kapital, applikabbli fid-data tal-fatti fil-kawża prinċipali, huma kkostitwiti mill-Artikolu 67 tat-Trattat KEE kif ukoll mid-Direttiva 88/361, adottata għall-implementazzjoni ta' dan l-artikolu.

23 Għalhekk huwa fir-rigward ta' dawn id-dispożizzjonijiet li għandha tingħata risposta għad-domanda preliminari magħmula mill-qorti ta' rinviju.

24 F'dan ir-rigward għandu jitfakkar li d-Direttiva 88/361 implementat kompletament il-moviment liberu tal-kapital u l-Artikolu 1(1) tagħha, li l-effett dirett tagħha ġie rrikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja, impona għal dan il-għan lill-Istati Membri l-obbligu li jitneħħew ir-restrizzjonijiet kollha għall-movimenti ta' kapital (ara s-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2003, Barbier, C-364/01, Ġabra p. I-15013, punt 57, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

25 Madankollu, l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 88/361 ippermetta lir-Renju ta' Spanja jżomm fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 1992 ir-restrizzjonijiet għal ċerti movimenti ta' kapital li jinsabu fil-listi III u IV tal-Anness IV ta' din id-direttiva.

26 B'hekk, fl-ewwel lok, għandu jiġi vverifikat jekk leġiżlazzjoni baħl dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxix restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 88/361.

27 Huwa biss jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali jkollha bħala effett li jirrestrinġi l-moviment liberu tal-kapital, li, fit-tieni lok, il-qorti ta' rinviju jkollha tikkonstata jekk il-movimenti ta' kapital li taw lok għall-ħlas tal-interessi inkwistjoni fil-kawża prinċipali jaqgħux taħt l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 88/361, fejn il-qorti ta' rinviju biss għandha ġurisdizzjoni tikkonstata l-fatti u tistabbilixxi n-natura u s-sors tal-interessi miksuba minn BBVA fil-Belġju.

Fuq l-eżistenza ta' restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital

28 Għandu jitfakkar li għalkemm it-taxxa diretta taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, dawn tal-aħħar għandhom madankollu jeżerċitaw din il-kompetenza f'konformità mad-dritt tal-Unjoni (ara s-sentenzi tal-14 ta' Frar 1995, Schumacker, C-279/93, Ġabra p. I-225, punt 21; tal-11 ta' Awwissu 1995, Wielockx, C-80/94, Ġabra p. I-2493, punt 16; tas-6 ta' Ġunju 2000, Verkooijen, C-35/98, Ġabra p. I-4071, punt 32, u Barbier, iċċitata iktar 'il fuq, punt 56).

29 Kull Stat Membru huwa marbut li jorganizza, fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni, is-sistema tiegħu ta' tassazzjoni tad-dħul ta' kapital mobbli u li jiddefinixxi, f'dan il-kuntest, il-bażi taxxabbli kif ukoll ir-rata ta' taxxa li japplikaw fil-konfront tal-benefiċjarju ta' dan id-dħul (ara, b'analoġija, is-sentenzi tas-16 ta' Lulju 2009, Damseaux, C-128/08, Ġabra p. I-6823, punt 25, kif ukoll tal-10 ta' Frar 2011, Haribo Lakritzen Hans Riegel et Österreichische Salinen, C-436/08 u C-437/08, Ġabra p. I-305, punt 167 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 B'hell l-interessi mħallsa minn debitur stabbilit fi Stat Membru lil benefiċjarju residenti fi Stat Membru ieħor jistgħu jkunu suġġetti għal tassazzjoni legali doppja, meta ż-żewġ Stati Membri jagħżlu li jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni fiskali tagħhom u li jissuġġettaw l-imsemmija interessi għat-taxxa, fejn l-ewwel wieħed japplika taxxa f'ras il-għajn fil-konfront tagħhom u t-tieni wieħed jinkludihom fid-dħul taxxabbli tal-benefiċjarju.

31 Fin-nuqqas ta' miżuri ta' unifikazzjoni jew ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni, l-Istati Membri jibqa' jkollhom il-kompetenza sabiex jiddeterminaw, permezz ta' ftehim jew unilateralment, il-kriterji ta' tqassim tas-setgħa ta' tassazzjoni tagħhom, sabiex, b'mod partikolari, tiġi eliminata t-taxxa doppja (sentenzi tat-12 ta' Mejju 1998, Gilly, C-336/96, Ġabra p. I-2793, punti 24 u 30; tal-21 ta' Settembru 1999, Saint-Gobain ZN, C-307/97, Ġabra p. I-6161, punt 57; tat-8 ta' Novembru 2007, Amurta, C-379/05, Ġabra p. I-9569, punt 17, kif ukoll tal-20 ta' Mejju 2008, Orange European Smallcap Fund, C-194/06, Ġabra p. I-3747, punt 32). Huma l-Istati Membri li għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jevitaw sitwazzjonijiet ta' tassazzjoni doppja, billi japplikaw, b'mod partikolari, il-kriterji segwiti fil-prassi fiskali internazzjonali (ara s-sentenza tal-14 ta' Novembru 2006, Kerckhaert u Morres, C-513/04, Ġabra p. I-10967, punt 23).

32 F'dan il-każ, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li tali miżuri ta' prevenzjoni tat-taxxa doppja fuq l-interessi ġew introdotti, fis-sistema legali Spanjola, minn naħa, mill-ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja u, min-naħa l-oħra, mil-leġiżlazzjoni Spanjola.

33 B'hekk, l-Artikolu 23(3) tal-imsemmi ftehim kien jipprovdi li fuq it-taxxa li hija dovuta minn resident tar-Renju ta' Spanja fuq l-interessi li jirriżultaw mill-Belġju, ir-Renju ta' Spanja għandu jagħti tnaqqis ikkalkolat fuq l-ammont ta' dawn l-interessi li huwa inkluż fil-bażi ta' taxxa f'isem dan ir-residen u li r-rata tagħhom ma tistax tkun inqas minn dik tat-taxxa miġbura fil-Belġju fuq l-imsemmi dħul.

34 Min-naħa tiegħu, l-Artikolu 24(4) tal-Liġi 61/1978 kien jipprovdi, fir-rigward tad-dħul miksub u ntaxxat barra mill-pajjiż, it-tnaqqis tal-iżgħar ammont mit-tnejn li ġejjin, jiġifieri, jew l-ammont realment imħallas barra mill-pajjiż minħabba kontribuzzjoni ta' natura identika jew analoga għal din it-taxxa, jew l-ammont tat-taxxa li jmissha tħallset fi Spanja fuq dawn il-benefiċċji jekk ikunu nkisbu fit-territorju Spanjol.

35 Fil-kuntest tal-kawża prinċipali, BBVA madankollu talbet li l-ammont tat-taxxa dovuta fil-Belġju fuq l-interessi miksuba f'dan l-Istat Membru, iżda mhux imħallas minħabba eżenzjoni, jitnaqqas mill-ammont tat-taxxa fuq il-kumpanniji dovuta fi Spanja.

36 Il-qorti tar-rinviju tqis li interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-ftehim dwar ħelsien mit-taxxa doppja u tal-leġiżlazzjoni nazzjonali Spanjola fis-sens li hija biss taxxa effettivament imħallsa fi Stat Membru ieħor li tista' titnaqqas mit-taxxa dovuta fi Spanja, tista' tiddiswadi l-kumpanniji stabbiliti fi Spanja milli jinvestu l-kapital tagħhom fi Stat Membru ieħor.

37 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-iżvantaġġ allegatament imġarrab, f'dan il-każ, minn BBVA ma jikkonsistix fit-tassazzjoni doppja tal-interessi miġbura minn BBVA, peress li dawn ġew intaxxati biss fi Spanja, iżda fl-impossibbiltà li tibbenefika, għall-kalkolu tat-taxxa dovuta fi Spanja, mill-vantaġġ fiskali taħt forma ta' eżenzjoni mogħtija mil-leġiżlazzjoni Belġjana.

38 Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-iżvantaġġi li jistgħu jirriżultaw mill-eżerċizzju parallel tal-kompetenzi fiskali tal-Istati Membri differenti, sakemm dan l-eżerċizzju ma jkunx diskriminatorju, ma humiex restrizzjonijiet tal-moviment liberu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Kerckhaert u Morres, punti 19, 20 u 24; Orange European Smallcap Fund, punti 41, 42 u 47, kif ukoll Damseaux, punt 27).

39 B'hekk, għalkemm l-Istati Membri ma għandhomx l-obbligu li jadattaw is-sistema fiskali tagħhom għas-sistemi differenti ta' taxxa tal-Istati Membri l-oħra, b'mod partikolari bil-għan li jeliminaw it-taxxi doppji (ara s-sentenza tat-12 ta' Frar 2009, Block, C-67/08, Ġabra p. I-883, punt 31), *a fortiori* dawn l-Istati ma għandhomx l-obbligu li jadattaw il-leġiżlazzjoni fiskali tagħhom sabiex jippermettu lil persuna taxxabbli tibbenefika minn benefiċċju fiskali mogħti minn Stat Membru ieħor fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-kompetenzi fiskali tiegħu, sa fejn il-leġiżlazzjoni tagħhom ma hijiex diskriminatorja.

40 Għalhekk għandu jiġi vverifikat jekk, bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-interessi miksuba fi Stat Membru ieħor humiex itrattati b'mod diskriminatorju meta pparagunati ma' dawk miksuba fi Spanja.

41 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li diskriminazzjoni tista' tikkonsisti mhux biss fl-applikazzjoni ta' regoli differenti għal sitwazzjonijiet paragunabbli, iżda wkoll fl-applikazzjoni tal-istess regola għal sitwazzjonijiet differenti (ara s-sentenzi Schumacker, iċċitata iktar 'il fuq, punt 30; tad-29 ta' April 1999, Royal Bank of Scotland, C-311/97, Ġabra p. I-2651, punt 26, kif ukoll Kerckhaert u Morres, iċċitata iktar 'il fuq, punt 19).

42 Issa, fir-rigward tal-leġiżlazzjoni fiskali tal-Istat ta' residenza, il-pożizzjoni ta' persuna taxxabbli li tirċievi interessi ma ssirx neċessarjament differenti mis-sempliċi fatt li hija tirċevihom minn debitur stabbilit fi Stat Membru ieħor li, fl-eżerċizzju tal-kompetenza fiskali tiegħu, jista' jissuġġetta dawn l-interessi għal taxxa f'ras il-għajn

bis-saħħa tat-taxxa fuq id-dħul (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Kerckhaert u Morres, iċċitata iktar 'il fuq, punt 19, u tas-6 ta' Diċembru 2007, Columbus Container Services, C-298/05, Ġabra p. I-10451, punt 42).

43 Ċertament, f'dan il-każ trattament diskriminatorju tal-interessi miġbura fi Stat Membru ieħor meta mqabbla mal-interessi miġbura minn sors Spanjol ma ġiex allegat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

44 Madankollu, mill-kuntest ġuridiku bħal dak ippreżentat mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li l-Liġi 230/1963 jipprovdi fl-Artikolu 57(1) tiegħu li meta jkun hemm lok li jitnaqqas mill-ammont tat-taxxa l-ammonti dovuti jew imħallsa għal taxxa jew numru ta' taxxi oħra imposti minn qabel, dawn l-ammonti jitnaqqsu fit-totalità tagħhom, anki jekk kienu suġġetti għal eżenzjoni jew ta' tnaqqis tal-oneru fiskali.

45 B'hekk, hija l-qorti ta' rinviju, li hija l-unika li għandha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-dritt nazzjonali, li għandha tivverifika jekk, fid-dawl tal-modalitajiet ta' tassazzjoni tal-interessi miksuba fi Spanja, l-imsemmija dispożizzjoni tal-Liġi 230/1963 tistax tapplika għal dawn l-interessi u, f'tali każ, li t-trattament riżervat għall-interessi miksuba fi Stat Membru ieħor ma huwiex diskriminatorju meta mqabbel ma' dak li għalih huma suġetti l-interessi miksuba fi Spanja, fir-rigward tal-possibbiltà li titnaqqas taxxa dovuta iżda mhux imħallsa.

46 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 67 tat-Trattat KEE u l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 88/361 ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, fil-kuntest tat-taxxa fuq il-kumpanniji u fost ir-regoli intiżi għal ħelsien minn taxxa doppja, tipprojbixxi li jitnaqqas l-ammont tat-taxxa dovuta fi Stati Membri oħra tal-Unjoni fuq dħul magħmul fit-territorju tagħhom u li jaqa' taħt din it-taxxa meta, minkejja li huma dovuti, dawn l-ammonti ma jitħallsux, minħabba eżenzjoni, jew tnaqqis, jew minħabba benefiċċju fiskali ieħor, sa fejn din

il-leġiżlazzjoni ma tkunx diskriminatorja meta mqabbla mat-trattament li għaliha huma suġġetti l-interessi miksuba fl-imsemmi Stat Membru, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

**Fuq l-ispejjeż**

47 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 67 tat-Trattat KEE u l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 88/361/KEE, tal-24 ta' Ġunju 1988, għall-implementazzjoni tal-Artikolu 67 tat-Trattat (artiklu mħassar bit-Trattat ta' Amsterdam), ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, fil-kuntest tat-taxxa fuq il-kumpanniji u fost ir-regoli intiżi għal ħelsien minn taxxa doppja, tipprojbixxi li jitnaqqas l-ammont tat-taxxa dovuta fi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea fuq dħul magħmul fit-territorju tagħhom u li jaqa' taħt din it-taxxa meta, minkejja li huma dovuti, dawn l-ammonti ma jitħallsux, minħabba eżenzjoni, jew tnaqqis, jew minħabba benefiċċju fiskali ieħor, sa fejn din il-leġiżlazzjoni ma tkunx diskriminatorja meta mqabbla mat-trattament li għaliha huma suġġetti l-interessi miksuba fl-imsemmi Stat Membru, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.**

Firem